**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Illum,** 11 ta' Settembru, 2023

**Ir-Repubbblika ta' Malta**

**vs.**

**Vittorio Emanuele Savoia, detentur tal-karta tal-identità Taljana bin-numru CA80518OX.**

*Kumpilazzjoni Nru: 707/2023*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Vittorio Emanuele Savoia** u ċioe' talli:

Nhar l-għaxra (10) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) fuq it-taraġ tal-Berġa ta' Kastilja (L-Uffiċċju tal-Prim Ministru), Pjazza Kastilja, il-Belt Valletta, Malta u/jew f'postijiet oħra fil-Gżejjer Maltin:

1. Xjentement jew b'negliġenza, nuqqas ta' ħila jew ta' non-osservanza ta' regolamenti ikkaġuna dannu lil jew qered proprjetà kulturali, u ċioè t-taraġ tal-Berġa ta' Kastilja (L-Uffiċċju tal-Prim Ministru), Pjazza Kastilja, il-Belt Valletta, sew jekk tali proprjetà hija jew mhijiex irreġistrata skont l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali (Kap. 445 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli u ċioè billi għamel ħsarat fit-taraġ tal-Berġa ta' Kastilja (L-Uffiċċju tal-Prim Ministru), Pjazza

Kastilja, il-Belt Valletta, liema ħsara minħabba n-natura jew importanza ġeoloġika, paleontoloġika, arkeoloġika, arkitettonika, artistika jew storika tal-propjetà mħassra, għandha titqies li hi aktar minn elf u mija u erbgħa u sittin ewro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69);

Din il-Qorti hija ġentilment mitluba, f'każ li tinstab ħtija għar-reati kollha jew uħud minnhom, sabiex:

i. Tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-*proviso* għall-Artikolu 70(1) u d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 70(2) u 70(3) tal-Att dwar il-Patrimonju Kulturali (Kap. 445 tal-Liġijiet ta' Malta); u

ii. Tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta), u jekk ikun il-każ, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 532A tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta).

Rat li waqt l-udjenza miżmuma llum l-imputat ammetta għall-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu.

Il-Qorti dejjem osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu 9, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputat wieġeb li huwa ħati għal imputazzjonijiet li nġabu fil-konfront tiegħu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u hu ngħata żmien xieraq sabiex jekk xtaq jerga' lura minnha.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tiegħu, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu kif ammessi minnu.

Dwar il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni tal-ammissjoni bikrija ferm tiegħu, tal-fedina penali netta tiegħu u taċ-ċirkostanzi tal-każ fosthom li kif spjegaw il-Pulizija l-għemil tal-imputat ma kienx għajr wieħed involontarju

għall-aħħar u fejn hu lest sabiex mal-għoti tas-sentenza, wara li jiġi stabbilit l-ammont dovut għall-riżarċiment tal-ħsara kawżata, jagħmel il-ħlas dovut.

Ġie ikkunsidrat li bejn l-ewwel żewġ imputazzjonijiet jeżisti l-prinċipju tal-konkors formali ta' reati bil-piena l-aktar gravi tkun dik kontemplata għall-ewwel imputazzjoni, u cioe bl-artikolu 70(1) tal-Att dwar il-Patrimonju Kulturali, Kap.445 tal-Liġijiet ta' Malta

Decide

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikolu 325 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 70(1)(a) tal-Att dwar il-Patrimonju Kulturali, Kap.445 tal-Liġijiet ta' Malta, issib l-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għal sena priġunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qed tiġi sospiża għal sena millum kif ukoll għal multa ta' elfejn ewro (€2,000) li trid titħallas immedjatament qabel mal-imputat iħalli dawn il-Gżejjer.

Inoltre ai termini tal-artikolu 70(2) tal-Att tordna lill-imputat iħallas l-ammont ta' erba' mitt ewro lis-Sovrintendent tal-Patrimonju Kulturali għar-reintegrazzjoni, u restawr tal-proprjetà kulturali minħabba fl-għemil tar-reat

Il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem li jiftiehem sew il-konsegwenzi kemm il-darba jikkometti reat ieħor fil-perjodu operattiv tas-sentenza appena mogħtija.

Finalment a tenur tal-artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' dawn l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**